*Il-leġislatur iddeċieda li persuna li tkun instabet ħatja tar-reati kkontemplati fir-regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56, għandha awtomatikament titqies li hija skwalifikata milli tiġi kkonsidrata għat-tip ta' liċenzja li applika għaliha l-appellant - jirriżulta li kemm l-awtorità appellata kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva applikaw il-liġi għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 9/2022 LM

**Lawrence Azzopardi (K.I. nru. 222586M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Transport Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Lawrence Azzopardi (K.I. nru. 222586M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-28 ta' Novembru, 2022

[minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrent, filwaqt li laqa’ r-risposta tal-intimata **Trasport Malta** [hawnhekk ‘l-appellata’].

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa ġie notifikat b’ittra tas-16 ta’ Diċembru, 2021 fejn ġie infurmat li l-intimata kellha l-ħsieb li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għal permess ta’ xufier ta’ vetturi żgħar b’sewwieq, għaliex huwa ma jissodisfax il-kundizzjoni ta’ reputazzjoni u ta’ kondotta tajba ai fini tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta’ Ġarr ta’ Passiġġieri b’Vetturi Żgħar u Servizzi ta’ Kiri ta’ Vetturi. Ir-rikorrent qal li din id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu ttieħdet għaliex huwa kien ingħata sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fis-17 ta’ Settembru, 2012, liema deċiżjoni ġiet appellata u deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-26 ta’ Jannar, 2017. Qal li huwa ngħata perijodu ta’ għaxart ijiem biex jikkontesta din id-deċiżjoni billi jressaq ir-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub quddiem Transport Malta. Spjega li minkejja is-sottomissjonijiet mogħtija minnu, l-intimata infurmatu li kienet sejra żżomm ferm mad-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu, u konsegwentement huwa kellu għoxrin jum sabiex jintavola appell minn din id-deċiżjoni. Quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva, ir-rikorrent sostna li d-deċiżjoni tal-intimata hija inġusta, irraġonevoli u bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, u hija sproporzjonata għall-fattispeċie tal-każ. Qal li minn dakinhar li kien hemm din id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu, huwa m’għadux minuri u kien ingaġġat f’impjiegi

fejn ma kellux problemi la mal-kollegi u lanqas mas-superjuri tiegħu. Żied jgħid li hemm element umanitarju li għandu jiġi kkonsidrat fil-każ odjern għaliex dan huwa l-uniku mod kif huwa jassigura għajxien diċenti għalih. In vista ta' dan kollu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal iħassar id-deċiżjoni tal-intimata tas-16 ta' Diċembru, 2021 u/jew kwalunkwe deċiżjoni relattiva u konsegwenti, u minflok jordna lill-intimata taċċetta l-applikazzjoni tiegħu għal permess ta' xufier ta' vetturi żgħar b'sewwieq.

3. L-intimata wieġbet li d-deċiżjoni tagħha hija waħda ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Qalet li b'sentenza tas-17 ta' Settembru, 2012 li ġiet ikkonfermata fil-mertu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2017, ir-rikorrrent kien instab ħati ta' reat bi vjolazzjoni ta' waħda mill-provvedimenti tar-Regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, liema regolament huwa applikabbli għal permess ta' xufier a tenur tar-Regolament 41 tal-imsemmi L.S. 499.68. Żiedet tgħid li għalhekk id-deċiżjoni tagħha hija waħda korretta u m'għandhiex tiġi revokata.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni tat-Tribunal mogħtija fit-28 ta' Novembru, 2022 it-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrent filwaqt li laqa' t-talbiet tal-Awtorità intimata u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 31 ta' Diċembru, 2021 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorità kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għal permess ta' xufier ta' vetturi*

*żgħar b'sewwieq stante li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi). Illi mill-istess deċiżjoni jirriżulta li r-raġuni wara dan ir-rifjut kienet sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fis-17 ta' Settembru, 2012 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2017, fejn ġie misjub ħati bi vjolazzjoni ta' waħda mill-provvedimenti ta' Regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68. (fn. 1 Dokument BF1 a fol. 24)*

*Illi għall-aħjar intendiment tar-raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 9 fl-intier tiegħu, liema artikolu għamlet referenza għalih l-Awtorità intimata fid-deċiżjoni tagħha, u ċioe:*

"9. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:

(a) Jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher –

- (i) Fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat jitwettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;
- (ii) Fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;
- (iii) Fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;
- (iv) Fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e), (f) 22(1)(Ċ), 22(1D)(a), 22(1E), u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;
- (v) Fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;

(b) Għal dak il-perijodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux anqas minn xahar (1);

(c) Għal dak il-perijodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perijodu jkun:

- (i) Tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunx aktar minn sentejn (2);

(ii) Daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2);

Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta wettaq ir-reta, il-perijodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).

(d) Tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.

(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:

(a) Ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kundizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew

(b) Sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Iżda dan il-paragrafu għandu japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew

(ċ) Sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew

(d) Sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament 1(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet (3) snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet (3) snin."

*Illi t-Tribunal jifhem illi l-leġislatur elenka ċerti reati f'Regolament 9(1)(a) sabiex jikkawtela l-interess pubbliku in ġenerali stante li xufier li jiġi mogħti l-liċenzja in kwistjoni jista' jkun fdat bit-trasport ta' nies vulnerabbli bħal ma huma t-tfal u anzjani.*

***Ikkunsidra:***

*Illi fl-affidavit tiegħu r-rikorrent spjega illi preżentement huwa jaħdem ma' Kumpannija privata bħala xufier però ma jistax jinvolvi ruħu f'iktar attivitajiet tal-istess Kumpannija peress li m'għandux* tag *u lanqas jista' jtejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu billi jaħdem* part-time *ma' Kumpanniji privati oħra li joffru servizz ta' ġarr ta' passiġġieri.*

*Illi min-naħa l-oħra Brian Farrugia, uffiċjal fi ħdan l-Awtorità intimata, stqarr illi meta l-Awtorità eżaminat il-fedina penali tar-rikorrent (fn. 2 esebita a fol. 32 et sequitur) sabet illi kien hemm kundanna li abbażi tagħha l-istess Awtorità ma setgħetx toħroġ il-liċenzja mitluba mir-rikorrent. Dwar dan l-Awtorità infurmat lir-rikorrent u tatu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward (fn. 3 a fol. 31), liema sottomissjonijiet ġew mibgħuta lill-Awtorità permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Diċembru, 2021. (fn. 4 a fol. 28)*

*Illi huwa bil-wisq evidenti li r-reati mwettqa mir-rikorrenti, u ċioe dawk ta' korruzzjoni ta' minorenni u stupru fuq persuna minuri, u li tagħhom instab ħati, huma ċertament reati li jaqgħu taħt artikolu 9 (1)(a)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56. Filwaqt li dan it-Tribunal ħa konsiderazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali bidlet il-piena inflitta mal-Qorti tal-Maġistrati għal waħda ta' priġunerija sospiża, madanakollu dan ma jbiddel xejn mill-gravità jew ħtija dwar ir-reati kommessi.*

*Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem l-argumenti mressqa mir-rikorrent, id-deċiżjoni li jrid jagħti dan it-Tribunal trid tkun waħda oġġettiva u b'rispett sħiħ lejn il-liġi. Dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jissindika u jiddeċiedi jekk liġi hix ġusta jew inġusta. Il-liġi trid tiġi applikata kif inhi u jkunu kemm ikunu pjetużi s-sitwazzjonijiet li l-persuni aggravati jkunu fihom ma jistax jiddipartixxi minn dak li tgħid il-liġi.*

*Illi f'dan il-każ il-liġi hija pjuttost ċara u torbot idejn l-Awtorità intimata. Ir-Regolament 9(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Awtorità intimata meta tiġi biex tipproċessa applikazzjoni għall-għoti jew tiġdid ta'* tag *ta' xufier jekk jirriżultalha li l-applikant wettaq xi wieħed mir-reati hemm indikati. Lanqas dan it-Tribunal ma għandu xi diskrezzjoni speċjali jew addizzjonali fir-rigward. Il-liġi tagħmilha tassattiva fuq l-Awtorità intimata li meta tirriskontra applikant li wettaq xi wieħed mir-reati elenkati fir-Regolament 9 trid neċessarjament tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu mingħajr ma tidħol biex teżamina kwalunkwe ċirkostanza oħra.*

*Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Awtorità intimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li timxi mal-liġi u tiċħad l-għoti tal-permess ta' xufier li għalih applika r-rikorrent. Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx illi l-istess deċiżjoni hija waħda inġusta, irraġonevoli, sproporzjonata jew ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorità intimata.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.”*

**L-Appell**

5. Permezz ta’ rikors ippreżentat mir-rikorrent quddiem din il-Qorti fis-16 ta’ Diċembru, 2022, huwa spjega li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal tat-28 ta’ Novembru, 2022 fl-ismijiet premessi, u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bis-sentenza mogħtija, u sostna li t-Tribunal għamel apprezzament u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli. Qal li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra diversi fatti, fosthom li huwa ressaq l-*affidavit* tiegħu u tal-*employer* tiegħu, u qal li dawn ix-xhieda ma ttieħdux in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata. Qal li ladarba t-Tribunal skarta dawn il-provi, dan mar kontra l-prinċipju tar-raġonevolezza, tal-*fairness* u tal-ekwità, li huma l-prinċipji li għandu jħaddan l-istess Tribunal. Qal li filwaqt li t-Tribunal qal li d-deċiżjoni tiegħu trid tkun waħda oġġettiva u b’rispett sħiħ lejn il-liġi, dan kellu jieħu konjizzjoni tax-xhieda prodotti minnu, u kellu jieħu konsiderazzjoni tal-prinċipju tar-*reasonableness* u tal-proporzjonalità fid-deċiżjoni tiegħu, u jqis li jkun hemm proporzjon mal-piena mogħtija mill-Qorti Kriminali, u li ma jingħatax ukoll piena oħra, fis-sens li minħabba dawk is-sentenzi, l-appellant issa ma jkunx jista’ jaqla’ l-għajxien tiegħu. L-appellant kompla jgħid li miż-żmien meta ġew deċiżi l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, huwa m’għadux minorenni, u llum il-ġurnata huwa persuna riformata li jixtieq jimxi ’l quddiem fix-xogħol

tiegħu. Qal li għalhekk it-Tribunal kellu jqis il-fatti kif żvolġew, u li fiż-żmien li fih seħħ ir-reat kriminali huwa kien għadu minuri, u minn dak iż-żmien qatt aktar ma reġa' xellef difru mal-ġustizzja penali.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-awtorità appellata fir-risposta tagħha qalet li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija waħda korretta u timmerita konferma, u l-appell interpost mill-appellant huwa wieħed kompletament infondat, u għandu jiġi miċħud. L-appellata qalet li l-liġi tipprovdi li persuni li joffru s-servizz ta' ġarr ta' passiġġieri, kemm jekk bħala operaturi jew bħala xufiera, għandhom ikunu ta' reputazzjoni u kondotta tjba. Qalet li min jagħmel użu minn dan is-servizz ma jkunx jaf lill-fornitur tas-servizz, u għalhekk il-leġislatur stabbilixxa kriterji oġġettivi fil-liġi sabiex meta l-appellata tirċievi applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja ta' xufier, hija tkun tista' tiddetermina jekk l-applikant jissodisfax dawn il-kriterji jew le. Qalet li fil-każ odjern irriżulta li l-appellant ma kienx jissodisfa dawn il-kriterji ta' reputazzjoni u kondotta tajba, minħabba fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Barra minn hekk l-appellata spjegat li l-appellant kien instab ħati ta' reat bi vjolazzjoni ta' waħda mill-provvedimenti tar-Regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, li huwa applikabbli għall-permess ta' xufier. Qalet ukoll li d-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant kienet waħda korretta li ngħatat b'konformità u b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi viġenti.

8. L-appellata żiedet tgħid li l-poteri u l-mansjonijiet tat-Tribunal huma ċirkoskritti bil-liġi li biha ġie kostitwit t-Tribunal, li min-naħa tiegħu għandu jara

u jiddeċiedi jekk deċiżjoni meħuda minn awtorità pubblika li taqa' fil-parametri tar-reviżjoni tat-Tribunal hijiex korretta jew le. Qalet li t-Tribunal m'għandux il-poteri biex jippronunzja, jiddetermina jew jiddikjara jekk liġi hijiex tajba jew le, iżda biss li jiddetermina jekk deċiżjoni meħuda minn awtorità pubblika hijiex korretta u skont il-liġi jew le. L-appellata qalet li l-prinċipju tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalità huma għal kollox estraneji għad-determinazzjoni li kellu jagħmel it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u għad-determinazzjoni li għad trid tagħmel din il-Qorti, u għalhekk l-appell interpost għandu jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mill-appellata. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal għamel apprezzament u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda tiegħu, u għal dak li qalu xhieda prodotti quddiem it-Tribunal, u qal li t-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għal dawn ix-xhieda fis-sentenza tiegħu. L-appellant qal li għalhekk is-sentenza tat-Tribunal ma tistax titqies li hija waħda raġonevoli jew li ngħatat skont il-prinċipji tal-*fairness* u tal-ekwità. Żied jgħid li meta huwa wettaq ir-reati li ssemmew bħala r-raġuni għar-rifjut tal-permess li huwa applika għalih, huwa kien għadu minorenni, u llum il-ġurnata huwa persuna riformata li għandu xewqa li jtejjeb il-prospetti tax-xogħol tiegħu.

10. Il-Qorti tibda billi tirrileva li mhuwiex ikkontestat li l-appellant instab ħati tar-reat ta' stupru u ta' korruzzjoni ta' minorenni, li huma fost ir-reati msemmija

taħt ir-regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56, u li awtomatikament iwasslu lill-awtorità appellata tiddeċiedi li l-persuna mhijiex ta’ reputazzjoni u ta’ kondotta tajba. Il-leġislatur ried li sabiex persuna tingħata permess jew liċenzja tax-xorta mitluba mill-appellant, din trid tkun tissodisfa t-test tar-reputazzjoni u kondotta tajba, u kien għalhekk li l-leġislatur elenka għadd ta’ reati li f’każ li persuna tkun instabet ħatja ta’ xi wieħed minnhom, hija titqies li ma tissodisfax il-kriterji tar-reputazzjoni u kondottta tajba. L-unika ħaġa li kellha tagħmel l-awtorità pubblika appellata fil-każ odjern kienet li tikkonsidra l-fedina penali tal-appellant, u jekk jiġi stabbilit li l-applikant kien ħati ta’ xi wieħed mir-reati li jaqgħu taħt dik il-Leġislazzjoni Sussidjarja, dan jitqies li huwa skwalifikat mill-għoti tal-permess jew tal-liċenzja mitluba minnu. Dan huwa proprju dak li għamlet l-awtorità appellata li fil-każ odjern ma kellha l-ebda diskrezzjoni x’teżerċita. L-awtorità appellata la interpretat u lanqas applikat il-liġi ħażin, iżda ladarba fattwalment ġie stabbilit li fil-passat l-appellant kien instab ħati ta’ ċerti reati, l-applikazzjoni tiegħu għall-għoti ta’ permess ta’ xufier ta’ vetturi żgħar b’sewwieq ma setgħetx tiġi kkunsidrata aktar. Għaldaqstant ma jistax jingħad li hemm xi ħaġa li mhijiex raġonevoli fil-mod kif l-appellata waslet għad-deċiżjoni tagħha, jew fil-mod kif għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk l-applikant kienx jissodisfa l-kriterji tal-kondotta u r-reputazzjoni tajba.

11. Il-Qorti tirrileva li la t-Tribunal u lanqas l-appellata ma eżerċitaw xi forma ta’ diskrezzjoni biex jaraw jekk l-appellant irriformax ruħhu jew le minn dakinhar li nstab ħati tar-reati msemmija. Il-leġislatur iddeċieda li persuna li tkun instabet ħatja tar-reati kkontemplati fir-regolament 9(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja

499.56, għandha awtomatikament titqies li hija skwalifikata milli tiġi kkonsidrata għat-tip ta' liċenzja li applika għaliha l-appellant. Jirriżulta li kemm l-awtorità appellata kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva applikaw il-liġi għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u għalhekk m'hemm xejn fis-sentenza mogħtija li jimmerita ċ-ċensura ta' din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**